Fit-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumaturi.

Rikors Nru. CCT G 132/12 (JE).

Daniela Sacco

vs

Baby Care Co. Ltd.

Illum, 7 ta' Settembru 2012.

It-Tribunal,

Ra l-avviż tat-talba ta' Daniela Sacco tat-23 ta' Mejju 2012 fejn talbet illi s-soċjetà konvenuta tiġi kkundannata tirrifondi lill-attriċi l-ammont ta' disgħa u sebgħin euro u disgħin ċenteżmu (€ 79.90) rappreżentanti l-prezz ta' "steriliser" illi minkejja li nbidel, baqa' difettuż u wara li ssewwa, xorta baqgħa bil-problemi. L-attriċi talbet ir-rifużjoni tal-prezz imħallas imma s-soċjetà konvenuta rrifjutat. Bl-ispejjeż.

Ra r-risposta tas-soċjetà konvenuta illi fiha sostanzjalment ikkorraborat il-fatti kif deskritti mill-attriċi imma allegat illi l-attriċi ma aċċettatx illi tieħu l-isteriliser lura wara illi kien inbidel u ssewwa darbtejn għax intant kien kibrilha t-tifel u ma kellhiex aktar bżonnha. Stqarret illi dejjem tipprova tagħti l-aħjar servizz lill-klijenti. .

Sema l-provi tal-partijiet.

Ikkunsidra.

Illi l-fatti f'dina l-kwistjoni m'humiex in disputa. Jidher evidenti illi l-isterilizer ma kienx tal-kwalità pattwita u ma qediex il-funzjoni li għalih inxtara. M'huwiex aċċettabli illi oġġett mixtri jagħmel aktar żmien għat-tiswija milli in użu, speċjalment meta l-ħtieġa tiegħu hija għal żmien limitat kif inhu l-każ odjern. L-anqas m'hi attenwanti għas-soċjetà konvenuta illi l-oġġett in kwistjoni issa reġa ssewwa skond il-garanzija kummerċjali għaliex il-possibilità illi tali oġġett xorta ma jaqdiex il-funzjoni li għalih inxtara bl-ebda mod ma hi eskluża.

Għaldaqstant it-Tribunal qed jaċċetta t-talba attriċi u qed jikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas lill-attriċi s-somma ta' disgħa u sebgħin euro u disgħin ċenteżmu (€ 79.90) rappreżentanti l-prezz ta' "steriliser"

Bl-ispejjeż għall-istess soċjetà konvenuta.

Av. Joseph Ellis
Arbitru